MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 575/2004

**Charles Busutill bhala President u Philip Fenech bhala Segretarju Generali tal-Malta Chamber of Small & Medium Enterprises (GRTU)**

**vs**

**Louis Apap Bologna bhala President tal-Malta Chamber of Commerce & Enterprise**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat ic-citazzjoni;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 25;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri a fol 34;

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2004 li bih l-kawza baqghet ghal decizjoni fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw dina l-eccezzjoni;

**Eccezzjoni ulterjuri**

Fl-eccezzjoni ulterjuri tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-kawza hija maghmula mill Malta Chamber of Small & Medium Enterprises (GRTU) u l-konvenut m'ghandu ebda relazzjoni maghhom izda mal-General Retailers and Traders Union (GRTU) u dina hija l-unika union li kienet u ghadha registrata mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol, u li mhiex b'ebda mod sostitwita mill-Malta Chamber of Small & Medium Enterprises (GRTU). Il-konvenut jargumenta li l-iskop u l-ghanijiet tac-Chamber of Small & Medium Enterprises hija differenti minn dik ta' Retailers and Traders u ghalhekk hija radikalment differenti mill GRTU. Anke l-kuncett ta' "union" u "chamber" huma radikalment differenti kemm fl-iskopijiet, l-ghanijiet u l-interessi li huma jirrapprezentaw.

Ghalhekk il-konvenut talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'ghandu ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi.

L-atturi jirritjenu li l-fatt li l- Malta Chamber of Small & Medium Enterprises (GRTU) mhiex registrata bhala union ma jfissirx li ma tezistiex. Inoltre skond l-istatut l-assoccjazzjoni tidher taht tlett ismijiet.

**Tikkunsidra**

Illi jirrizulta li l-ftehim ta' lokazzjoni ezibit a fol. 7 kien sar bejn il Malta Chamber of Commerce u l-GRTU.

L-atturi ezebew l-istatut taghhom (ara fol. 40 et seq) fejn taht ISEM hemm li l-isem ta' l-Assocjazzjoni hu:

**Association of General Retailers and Traders**

L-assocjazzjoni hija maghrufa ukoll bhala
**General Retailers & Traders Union, fil-qosor GRTU**

U l-Assocjazzjoni hi maghrufa wkoll bhala

**GRTU: Malta Chamber of Small and Medium Enterprises.**

L-atturi ezebew ukoll Dok XY fejn dawn l-ismijiet li tahthom tidher l-assocjazzjoni huma wkoll registrati bhala trade marks.

Illi ghalhekk jirrizulta li ghalkemm l-assocjazzjoni hija popolarment maghrufa bhala GRTU hija wkoll tagixxi taht l-ismijiet fuq imsemmija. L-ghanijiet u l-iskop ta’ l-assocjazzjoni, taht id-diversi nomenklaturi, huma kollha nkorporati fl-istess statut tal-GRTU li hija finalment il-Union li hija registrata.

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-GRTU, taht in nomenklatura ta’ Malta Chamber of Small and Medium Enterprises, ghandha relazzjoni guridika mal-konvenut, u ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri tieghu ma tistax tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------